



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 12 ta' Ġunju 2024
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2024/0145(NLE)

11014/24
ADD 1

AELE 60
FL 37
ISL 34
MI 603
N 50
SAN 338

NOTA TA' TRAŻMISSJONI

minn:	Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur
data meta waslet:	11 ta' Ġunju 2024
lil:	Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea
Nru dok. Cion:	COM(2024) 241 final - Annex
Suġġett:	ANNESS tal-Proposta għal DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Komitat Konġunt taż-ŻEE rigward emenda għall-Protokoll 31 (dwar il-kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi li ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet) u l-Protokoll 37 (li fih il-lista prevista fl-Artikolu 101) tal-Ftehim ŻEE (Theddid transfruntier serju għas-saħħa)

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuż id-dokument COM(2024) 241 final - Annex.

Mehmuż: COM(2024) 241 final - Annex



IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 11.6.2024
COM(2024) 241 final

ANNEX

ANNESS

tal-

Proposta għal

DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

**dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Kumitat
Konġunt taż-ŻEE rigward emenda għall-Protokoll 31 (dwar il-kooperazzjoni f'oqsma
speċifiċi li ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet) u l-Protokoll 37 (li fih il-lista
prevista fl-Artikolu 101) tal-Ftehim ŻEE**

(Theddid transfruntier serju għas-saħħa)

ANNEX

ABBOZZ TA' DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru [...]

ta' [...]

li temenda l-Protokoll 31 dwar il-kooperazzjoni f'oqsma speċifiċi li ma jagħmlux parti mill-erba' libertajiet u l-Protokoll 37 li fih il-lista stabbilita fl-Artikolu 101 tal-Ftehim ŻEE,

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim dwar iż-Żona Ekonomika Ewropea ("il-Ftehim ŻEE"), u b'mod partikolari l-Artikoli 86 u 98 tiegħu,

Billi:

- (1) Jixraq li l-kooperazzjoni bejn il-Partijiet Kontraenti għall-Ftehim taż-ŻEE tiġi estiża biex tinkludi r-Regolament (UE) 2022/2371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Novembru 2022 dwar theddid transkonfinali serju għas-saħħa u li tħassar id-Deċiżjoni Nru 1082/2013/UE¹.
- (2) Għaldaqstant, jenħtieġ li l-Protokoll 31 u l-Protokoll 37 tal-Ftehim dwar iż-ŻEE jiġi emendat biex din il-kooperazzjoni estiża tkun tista' sseħħ,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

It-test tal-inċiż 9 (id-Deċiżjoni Nru 1082/2013/UE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill) tal-Artikolu 16 tal-Protokoll 31 huwa sostitwit b'dan li ġej:

“32022 R 2371: Ir-Regolament (UE) 2022/2371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Novembru 2022 dwar theddid transkonfinali serju għas-saħħa u li jħassar id-Deċiżjoni Nru 1082/2013/UE (ĠU L 314, 6.12.2022, p. 26).

L-Istati ta' l-EFTA għandhom jipparteċipaw b'mod sħiħ fil-Kumitat għas-Sigurtà tas-Saħħa u għandu jkollhom l-istess drittijiet u obbligi fih bħall-Istati Membri tal-UE, ħlief għad-dritt tal-vot.

Bis-saħħa tal-Artikolu 79(3) tal-Ftehim, il-Parti VII (Dispożizzjonijiet Istituzzjonali) tal-Ftehim għandha tapplika għal dan l-inċiż, bl-eċċezzjoni tat-Taqsimiet 1 u 2 tal-Kapitolu 3.”

Artikolu 2

Il-punt li ġej jiddaħħal fil-Protokoll 37 tal-Ftehim:

“49. Il-Kumitat għas-Sigurtà tas-Saħħa (ir-Regolament (UE) 2022/2371 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill).”

¹ ĠU L 314, 6.12.2022, p. 26.

Artikolu 3

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ l-għada tal-aħħar notifika skont l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim dwar iż-ŻEE*.

Artikolu 4

Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata fit-Taqsima taż-ŻEE ta' *Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*, u fis-Suppliment tiegħu dwar iż-ŻEE.

Magħmul fi Brussell, [...].

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

[...]

Is-Segretarji

Tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

[...]

* [Ma huwa indikat l-ebda rekwiżit kostituzzjonali.] [Ċerti rekwiżiti kostituzzjonali huma indikati.]